Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9405 — CPF/Itochu/HyLife)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 318/11)

1. Fis-16 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Charoen Pokphand Foods Public Company Limited ('CPF', it-Tajlandja),

— Itochu Corporation ('Itochu', il-Ġappun),

— HyLife Group Holdings Ltd ('HyLife Group, il-Kanada), ikkontrollat minn HyLife Investments Ltd. (il-Kanada) u minn Itochu.

Itochu u CPF jakkwistaw fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(4)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tal-HyLife Group kollu.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal CPF: it-trobbija ta' bhejjem bħall-majjal u l-akkwakultura, il-manifattura ta' għalf għall-bhejjem u l-akkwakultura, kif ukoll il-produzzjoni ta' laħam u prodotti oħra tal-ikel, kif ukoll l-operat ta' ħwienet tal-ikel u ristoranti,

— għal Itochu: attiva f'firxa wiesgħa ta' industriji inklużi tessuti, makkinarju, metalli u minerali, enerġija u kimiċi, prodotti ġenerali, teknoloġija tal-informazzjoni u komunikazzjoni, finanzjarja u assigurazzjoni, kif ukoll ikel,

— għal HyLife: it-trobbija u t-tlestija ta' ħnieżer imsewwija u produzzjoni ta' prodotti tal-majjal.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn 10t'ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9405 — CPF/Itochu/HyLife

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 122964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.